FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Frar , 2002

**Decizjoni**

**in parte**

**Avviz Nru:821/01 PM**

**Joseph Aquilina ghan-nom ta' l-azjenda kummercjali Tokyo Japan Engine Dealer**

**Vs**

**Charles Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' tliet mija u disgha u sebghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (LM379.26c).

Ra n-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha sostna "res judicata" skond sentenza esebita.

Ra d-dokumenti esebiti.

It-tlett rekwiziti ghal esistenza tar-"res judicata" huma l-"eadem res", l-"eadem personae u l-"eadem causa pretendi". Illi fis-sentenza esebita mill-konvenut, l-istess konvenut gie liberat mill-osservanza tal-gusizzju billi l-attur ma deherx. L-eccezzjonijiet tar-"res judicata" mhux attendibli meta fil-kawza pendenti il-Qorti lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jidiferixxi l-kawza ghal kontinwazzjoni.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikatur**